# Jinżamm l-ewwel gradwazzjoni tal-Ableman Drilling Careers Academy

Il-*Floorhand Workforce Certificate* li jaqa' taħt il-Programm WADI (*Workforce Attraction Development Initiative*), wasal fi tmiemu b'suċċess b'ċerimonja ta' gradwazzjoni fil-Palazz Verdala, il-Buskett, nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2015. Dan kien l-ewwel programm b'ċertifikat mill-Ableman Drilling Careers Academy (ADCA) f'Malta.

L-24 student li attendew il-kors, li dam seba'ġimgħat, ġie żviluppat u mogħti minn Lone Star College ta' Houston, Texas, fl-Istati Uniti tal-Amerika, fil-faċilitajiet speċjalizzati ta' taħriġ tal-Akkademja f'San Ġwann.

Fid-diskors tiegħu waqt il-gradwazzjoni, Paul Abela, Ċermen ta' Ablecare Oilfield Services Group, il-kumpanija li hi sid tal-Akkademja, ħabbar li l-istudenti li attendew għall-programm f'Malta kienu l-ewwel fid-dinja li ħadu dan it-tip ta' ċertifikat akkreditat, li hu rikonoxxut madwar id-dina mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Kontratturi ta' Tħaffir għaż-Żejt (IADC).

Ta ġieħ lill-imsieħba tal-Akkademja, Lone Star College, u lill-IADC talli għarfu l-viżjoni tal-ADCA li joħolqu ċentru ta' eċċellenza għat-taħriġ fuq l-industrija taż-żejt u l-gass fil-Mediterran, li fuqu ħadmu għal dawn l-aħħar sentejn.

Ħabbar ukoll li sa l-aħħar tlett xhur ta' din is-sena, l-Akkademja se tinvesti f'Drilling u Well Control Simulator Suite li hi state of the art, li fuqha justgħu jitħarrġu 12-il kandidat f'kull kors, u Offshore Crane Operator Training Simulator li fih integrat sezzjonijiet ta' taħriġ ta' banksmen u slinger.

Peress li hu parti mill-Programm WADI, il-kors ta' *Floorhand Workforce Certificate* ġie ddiżinjat biex jagħti l-istudenti 70 fil-mija ta' tagħlim prattiku u 30 fil-mija ta' teorija. Fih seba' partijiet li b'kollox jieħdu 288 siegħa ta' tagħlim u, fost dawn il-partijiet, tnejn huma ċertifikati speċjalizzati għall-industrija, IADC Rig Pass u Introduzzjoni tal-IADC għal WellCap

Tlett għalliema minn Lone Star College ġew Malta biex jgħallmu dan il-programm: James R. Ward, istruttur ewliei fil-Programm tal-*Oil & Gas Drilling Roustabout/Floorhand*, u żewġ speċjalisti, Michael D. Branch u Dan P. Hernandez.

Kelliema oħra waqt iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni kienu l-Kanċillier ta' Lone Star College Stephen Head, il-Viċi-Kanċillier Linda Head, il-Viċi President Operational Integrity tal-IADC Mark Denkowski u wieħed mill-istudenti, Donovan Saliba.

Iktar kmieni matul il-jum Dr Head, akkumpanjat minn Linda Head, Viċi-Kanċilliera Assoċjata ta' Lone Star College, u s-Sur Denkowski, akkumpanjat minn Jens Hoffmark, Viċi-President Reġjonali għall-Operat fl-Ewropa tal-IADC, flimkien mas-Sur Abela u d-Direttriċi tal-Akkademja, is-Sinjura Angelique Maggi, kellhom laqgħat mal-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fil-Palazza ta' San Anton, Ħ'Attard, u mal-Prim Ministru Joseph Muscat f'Kastilja. Żaru wkoll l-Akkademja, f'San Ġwann, u s-sit tal-eks Tarzna tax-Shipbuilding fil-Marsa.

F'kummenti aktar kmieni, is-Sur Denkowski spjega li l-IADC vara l-*Workforce Attraction Development Initiative* fl-2013 biex jiġi żgurat li taħriġ tal-istess standard jiġi mogħti wadwar id-dinja. Maż-żmien, il-WADI se jikkonsisti f'numru ta' korsijiet li kull min jixtieq itejjeb l-edukazzjoni tiegħu matul il-karriera jista' jkompli jistudja biex jitgħallem fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-industrija taż-żejt u l-gas. Il-kors ta' *Floorhand Workforce Certificate* hu parti minn WADI u hu kors li permezz tiegħu n-nies nistgħu jibdew jaħdmu fl-industrija.

Wara ż-żjara tiegħu fl-Ableman Drilling Careers Academy, is-Sur Denkowski qal: "Ninsab impressjonat ħafna b'din il-faċilità u t-tagħmir (li nxtraw) biex ikunu jistgħu jgħallmu l-istudenti tagħhom dak kollu li għandhom bżonn u iktar b'mod profond. Hu ovvju għalija li daħlu għal dan l-impenn b'saħħa kbira.

"Malta għandha pożizzjoni ideali. Il-post sikur, u faċli biex tasal hawn kemm mill-Afrika ta' fuq, l-Ilvant Nofsani u anki l-Ewropa. Ħafna nies jiġu fl-industrija mir-Rumanija u l-Kroazja, u nemmen li hu faċli għalihom biex jiġu l-Akkademja wkoll. Il-potenzjal huwa kbir."

L-IADC tirrappreżenta iktar minn 1,650 kumpanija ta' kuntratturi li jħaffru għaż-żejt u l-gass minn madwar id-dinja u hija l-għaqda ta' awtorità f'dan is-settur. Tipprovdi forum għall-istakeholders kollha fl-industrija biex jiġu flimkien, jaqsmu l-għarfien tagħhom, jittakiljaw problemi komuni, u jiżviluppaw soluzzjonijiet għal issues ta' importanza kritika. L-IADC għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fi Houston u hija waħda mill-akbar assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u professjonali fil-belt. L-IADC għandha uffiċċji wkoll f'Washington DC, l-Olanda, it-Tajlandja u l-Emirati Arab Magħquda, kif ukol sezzjonijiet fl-Ingilterra, il-Venezwela, il-Brażil, Awstralasia, l-

Asja ta' Nofsinnhar Ċentrali, l-Asja tax-Xlokk, l-Afrika tal-Punent, l-Ilvant Nofsani u madwar l-Amerika.

– TMIEM –

Captions:




**Iċ-Ċermen tal-Ablecare Oilfield Services Group Paul Abela**



**Il-Grupp tal-gradwati**




**Is-sala fejn saru l-*lectures* fl-Ableman Drilling Careers Academy f'San Gwann**



**Il-grupp tal-istudenti fl-ADCA f'San Gwann**